MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2010

Numru. 754/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**Adam Gulibali, nazzjonalita Mali, imwieled f'Segasu, fl-1984, iben Suliman u Karcu, Numru moghti mill-Pulizija 09E-015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Adam Gulibali u cioe` talli fl-24 ta' Lulju 2010 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport, Karta ta' l-identita` u Permess ghar-Residenza jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport, Karta ta' l-Identita` u Permess ghar-Residenza li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Sulaiman Koulibaly Adam bin-numri 942241, AR1709700 u

0198421AC rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll gie akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 198 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll gie akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta.

Gie akkuzat ukoll talli qabel id-19 ta' Ottubru 2009 harab minn post ta' kustodja pubblika, cioe` 'Lyster Detention Centre' (Kap 9, Sec 151, 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Genrali tas-26 ta' Lulju, 2010;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li huwa inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-impuat u l-fatt illi l-imputat ipprova jahrab mill-pajjiz b'mod illegali.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 189, 151 u 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1d) tal-Kapitolu 217

tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6)) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------